# STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MILL-MINISTERU GĦAS-SAĦĦA: Il-bajd fis-suq lokali hu kollu tajjeb għall-konsum

Reference Number: PR172063, Press Release Issue Date: Sep 15, 2017

Id-Direttorat għas-Servizzi Veterinarji javża lill-pubbliku ġenerali li l-bajd kollu li preżentament jinsab għall-bejgħ fis-suq lokali hu kollu tajjeb għall-konsum, wara li riżultati ta' kampjuni ta' bajd li ttieħdu fl-aħħar jiem mill-irziezet lokali kollha rriżultaw fin-negattiv, għajr għal tlieta li kienu diġà rriżultaw pożittivi qabel u li qed ikomplu jinżammu taħt kontroll mid-Direttorat għas-Servizzi Veterinarji.

Intant id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali se jibqa' jsegwi s-sitwazzjoni globali permezz tar-*Rapid Alert System*.